**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 22 ta' Frar 2023**

Numru 1

**Rikors Nru. 54/2015**

**Kurt Galea Pace**

**vs**

**Kummissarju ghat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul min Kurt Galea Pace (ritrattandi) wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-22 ta' Gunju 2022 li cahdet l-appell tieghu;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li fuqha huma impernjati l-ilmenti tar-ritrattandi li tghid hekk:

Din il-Qorti qabel xejn ser tikkonsidra s-sottomissjoni li qed jagħmel il-Kummissarju appellat, li l-appell intavolat mill-appellant huwa legalment improponibbli stante li ma

jirrispettax id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 47(1) tal-Kap. 406. Jispjega li wara li huwa kien ressaq eċċezzjoni fir-rigward tat-terminu tar-rikors tal-appell li sar quddiem it-Tribunal, dan kellu jiddetermina jekk in-notifika tal-istejjem kinitx waħda valida jew le. Il-Kummissarju appellat jiċċita l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal sabiex dan wasal għad-deċiżjoni tiegħu, u jikkontendi li ċirkostanzi aktar fattwali minn dawn ma jistax ikun hemm.

Il-Qorti tgħid li l-Kummissarju appellat għandu raġun. L-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jiċċita s-subartikolu 73(2) tal-Kap. 406, u jagħmel enfażi fuq il-kliem "Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja". Jiddikjara li hija l-liġi stess li tagħti l-opportunità illi titressaq prova kuntrarja dwar in-notifika, u għalhekk il-Qorti tgħid li l-appell tiegħu, għalkemm jingħata d-dehra li huwa wieħed imsejjes fuq punt ta' liġi, effettivament huwa biss kontestazzjoni tal-fatti kif interpretati mit-Tribunal li kellu jiddeċiedi dwar l-iktar prova kredibbli ppreżentata rispettivament mill-partijiet.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-appell odjern ma sarx fil-parametri stabbiliti permezz tas-subartikolu 47(1) tal-Kap. 406.

Decide
Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara l-appell odjern bħala irritu u null, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.
L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu skont is-sentenza appellata, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tar-ritrattandi huma s-segwenti:

1. Li wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li iggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx iggibu, qabel dik is-sentenza ai termini tal-artikolu 811(k) tal-Kap. 12

2. Li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Gunju 2022 hi l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza ai termini tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12.

## Artikolu 811(k) Kap. 12

Ir-ritrattand jikkontendi illi hemm lok ta' ritrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811(k) tal-Kap. 12 li jipprovdi li wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghetx iggibu, qabel dik is-sentenza.

Bhala tifsira ta' dak li jrid dan is-subartikolu l-Qorti ser tislet parti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Carmela sive Carrie Micallef vs Alfred Mangion** (App 23/06/2006):

> Illi dwar il-kawzali li, wara li nghatat is-sentenza, nstab dokument deciziv (Art. 811(k)), ghandu jinghad li l-ligi tqieghed xi kundizzjonijiet qabel ma cirkostanza bhal din tista' twassal biex isir is-smigh mill-gdid ta' kawza li tkun ghaddiet f'gudikat. Il-ligi titkellem dwar dokument deciziv. Dan ifisser li mhux kull dokument li parti tista' tiskopri wara s-sentenza huwa bizzejjed biex iwassal ghas-smigh millgdid tal-kawza. Irid ikun dokument "deciziv", jigifieri dokument li s-sahha tieghu bhala prova tkun determinanti fuq il-qofol tal-kwestjoni li s-sentenza impunjata tkun stharrget. Imma mhux mehtieg li dak id-dokument ikun ta' siwi konklussiv ghall-kwestjoni (App. Civ. 5.4.1937 fil-kawza fl-ismijiet Galea vs Cuschieri, Kollez. Vol: XXIX.i.1468). Ifisser ukoll li ddokument irid ikun tali li jista' bil-ligi jitressaq bhala prova. Meta mbaghad id-dokument ikun jikkonsisti f'att nutarili pubbliku, it-tendenza hija li l-ezistenza tieghu hija mistennija li tkun maghrufa minn kulhadd u ghalhekk huwa difficli biex dokument bhal dan ikun raguni li twassal biex sentenza titwaqqa' (App. Kumm. 24.1.1997 fil-kawza fl-ismijiet Busuttil vs Gauci et, Kollez. Vol: LXXXI.ii.188);
>
> Illi minbarra dan kollu, l-ligi trid li l-parti li ssib dokument bhal dan ma kinitx taf bih sa qabel ma nghatat is-sentenza li hija trid twaqqa', jew, ghalkemm setghet tkun taf dwaru, ma setghetx, bil-mezzi li taghtiha l-ligi, tressqu fil-kawza qabel ma tkun lahqet inghatat is-sentenza . F'kaz bhal dan, il-ligi bhal donnha trid taghmilha cara li r-rikorrent f'din il-procedura jkun irid juri li ghamel kulma seta' fil-hila tieghu u fiz-zmien xieraq biex jew isib dak id-dokument jew li jressqu fl-atti. Dan jimplika mill-anqas l-uzu ta' ghaqal ta' missier tajjeb tal-familja fit-tmexxija ta' hwejgu (App. Civ. 28.2.1997 fil-kawza fl-ismijiet Vassallo vs Chetcuti et (Kollez.Vol: LXXXI.ii.417). Dan il-grad ta' ghaqal mehtieg ma jhallix lil dik il-parti li l-ewwel titghazzen jew tixxahhah milli taghmel hilitha biex tressaq il-provi kollha taghha, u mbaghad, wara li l-kawza tkun inqatghet, tibda thabrek biex issib ilprova eluziva li kienet tehtieg1 (App. Civ. 11.5.1936 fil-kawza fl-ismijiet Darmanin noe et vs Cordina et (Kollez. Vol: XXIX.i.645). Ghalhekk ukoll, iccirkostanzi tas-sejba ta' dokument li l-parti ritrattanda tghid li sabet wara l-ghoti tas-sentenza ghandhom ikunu mistharrga qabel ma titwaqqa' dik is-sentenza;

Il-ritrattand isostni li d-dokument li ghalih jaghmel riferenza hi mahfra presidenzjali li ma tressqitx quddiem il-Qorti billi bil-mezzi li taghti l-ligi ma setghetx iggibu qabel is-sentenza. Izid li ma nghatax l-opportunita li jressaq tali dokument li kien jiskolpah minn kull pendenza ta' taxxa allegatament dovuta.

Il-Qorti tqis illi tali ilment ma jistax isib success ghaliex ir-ritrattazzjoni qed issir mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell li iddecidiet biss li l-appell ma kienx sar fuq punt ta' ligi izda fuq kontestazzjoni ta' fatt cioe l-validita ta' notifika li dwaru it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kien iddecieda. Din kienet il-kontroversja u r-ritrattand ma jistax juza rimedju eccezzjonali ta' ritrattazzjoni biex iressaq

provi godda qisu dan kien xi appell tat-tielet istanza. Ghalhekk l-aggravju ifalli. Ma jistax ir-ritrattand jargumenta li naqaslu smigh xieraq ghax il-Qorti tal-Appell trattat biss l-eccezzjoni preliminari tar-ritrattat minghajr ma dahlet fil-mertu. Il-ligi tal-procedura hi applikabbli bl-istess mod ghal partijiet kollha u trid tigi rispettata. L-eccezzjoni tar-ritrattand kienet tmur ghal qalba tal-appell innifsu cioe l-ammisibilita tieghu li r-ritrattand ma irnexxilux jissodisfa.

Apparti dan kollu d-dokument li jirreferi ghalih ir-ritrattand ma jistax jinghad li instab wara s-sentenza kif irid l-artikolu 811(k) meta l-istess ritrattand jghid li d-dokument igib id-data tad-19 ta' Dicembru 2012 u lanqas biss jaccenna ghalih la fir-rikors promotur tieghu quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u cioe qabel ma iddahlet ir-risposta tal-Kummissarju ghat-Taxxi.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**Artikolu 811(l) Kap. 12**

Ir-ritrattand qed jilmenta f'dan l-aggravju li sar zball fl-atti tal-kawza fejn id-decizjoni tkun mibnija fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita tieghu tkun eskluza jew is-suppozizzjoni li l-fatt ma jezistix.

Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **George Abela vs Joseph Cortis et**, deciza fl-20 ta' Novembru, 2008:

> Illi dwar il-kawzali tas-sentenza milquta minn zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza (Art. 811 (l) tal-Kap 12), huwa mehtieg li wiehed iqis sewwa x'inhu dak li tghid il-ligi sabiex tali kawzali titqies misthoqqa. Il-ligi titktellem b'mod car dwar liema zball irid ikun biex iwassal halli sentenza tista' tithassar. Tali zball irid johrog mis-sentenza nnifisha u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u dan biss fil-kaz li d-decizjoni tkun imsejsa fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita tieghu tkun eskluza ghal kollox jew fuq is-suppozizzjoni li l-fatt ma jezistix. F'kull kaz, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun gie deciz bis-sentenza;
>
> Illi, fuq kollox, l-izball li ghalih tirreferi din id-dispozizzjoni jrid ikun wiehed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jaghraf smigh mill-gdid ta' kawza fuq id-dispozizzjoni minn smigh mill-gdid ta' kawza taht il-paragrafu (e) tal-artikolu 811, li jirreferi ghal zball ta' ligi. Ghal dan il-ghan, l-izball ta' fatt li jaghti lok ghal ritrattazzjoni jrid ikun wiehed materjali, manifest u jirrizulta mill-atti nfushom, ghaliex mhux imholli li jitressqu provi biex jippruvaw tali zball. Minbarra dan, l-izball ma jridx

ikun relattiv ghall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun gie jew seta' gie mifhum mill-gudikant li ta s-sentenza li qieghed jintalab it-thassir taghha, ghaliex dan m'huwiex zball li johrog mill-atti imma fis-sewwa konviciment insindakabbli tal-gudikant;

F'dan il-kaz ma tezisti ebda wahda mic-cirkostanzi li jrid l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12. Ir-ritrattazzjoni mhix tintalab fuq dak deciz mill-Qorti tal-Appell cioe li l-appell ma sarx fuq punt ta' ligi izda fuq allegat prova li ma saritx quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva mir-ritrattand u lanqas accenna ghaliha f'dawk il-proceduri.

Ghalhekk dan l-aggravju wkoll mhux misthoqq u qed jigi michud.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-ritrattand ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismiijiet premessi tat-22 ta' Gunju 2022, bl-ispejjez ghar-ritrattand.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur